MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2005

Numru 6/2005

**App Nru 6/05**

**Il-Pulizija**

**v**

**George Said u**
**Kim Said**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Said u Kim Said li gew akkuzati talli nhar il-20.06.2004 ghall-habta tas-2.20am, George Said ID 36274M u Kim Said ID 31282G, ghan-nom ta' 'La Grotta Ltd' u bhala l-persuni li f'isimhom ghandhom licenzja ta' l-istabbiliment 'La Grotta' li jinsab fi Triq Xlendi, Munxar, Ghawdex, u liema stabbiliment huwa licenzjat bhala diskoteka taht l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghall-Malta, 1) organizzaw jew mexxew divertiment jew li kienu responsabbli ghall-organizzazzjoni

jew tmexxija ta' divertiment, organizzaw party jew disco fil-miftuh, liema disco ma ntemmx fis-2.00am bi ksur ta' l-artikolu 10 tal-A.L. 124/95 kif sessegwentement emendat, 2) talli waqt li kienu jorganizzaw din l-attivita` (disco) fil-miftuh, din l-attivita` ma spiccatx fis-2.00am bi ksur ta l-Art 36 (b) tal-A.L. 102/2002, 3) akkuzati wkoll tali fl-istess data u lok bejn is-2.00am u l-4.00am iggestew attivita` kummercjali fil-berah minghajr il-permess ta l-Awtorita` Regolatorja (Art 13 Kap 441), 4) u aktar talli George Said, fl-istess data, lok u ghal habta tas-2.20am, ma obdiex ordnijiet legittimi tal-pulizija moghtija lilu minn PS 1346 Anton Schembri (Art 338 ee Kap 9);

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-16 ta' Dicembru 2004, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija George Said u Kim Said mhux hatja u illiberathom minn kull akkuza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ippresentat fis-7 ta' Jannar 2005, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu fis-sens li l-ewwel qorti interpretat hazin l-artikolu [**recte**: regolament] 36(b) tal-A.L. 102/2002 li jipprovdi ghal massimu ta' hin sas-saghtejn ta' filghodu, u li biex stabbiliment bhal dak li kienu jiggestixxu l-appellati fiz-zmien relavanti ghall-imputazzjonijiet izomm diskoteka sa l-erbgha ta' filghodu irid ikun hemm il-permess tal-Ministru responsabbli ghall-Kummerc (regolament 36(c)). L-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, irriteniet li a bazi tad-dokumenti ezibiti kellu jigi ritenut li l-imsemmi Ministru kien ghogbu jaghti tali estensjoni. Din il-Qorti tosserva li l-Avukat Generali ma appellax specifikatament mill-liberazzjoni ta' George Said mir-raba' imputazzjoni u fir-realta` illimita ruhhu ghall-imputazzjonijiet l-ohra.

A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija llum stess fl-appell nru. 2/05 fl-

ismijiet ***Il-Pulizija v. Kim Said, George Said u Joseph Said***; u ghar-ragunijiet kollha moghtija f'dik is-sentenza, tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------